# Diskors ta' Mibegħda u Delitti ta' Mibegħda kontra Persuni LGBT

*Id-dinjità umana hija invjolabbli. Għandha tiġi rispettata u protetta.*
*Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett għall-integrità fiżika u mentali tiegħu jew tagħha.*
**Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali (Artikoli 1 u 3(1))**

"Diskors ta' Mibegħda" jirreferi għal tixwix u inkoraġġiment ta' mibegħda, diskriminazzjoni jew ostilità lejn individwu li huwa mmotivat minn preġudizzju kontra dik il persuna minħabba karatteristika partikolari, pereżempju, l orjentazzjoni sesswali jew l identità sesswali tagħha.

"Delitt ta' mibegħda" jirreferi għal attakk fiżiku jew verbali fuq individwu li huwa mmotivat minn preġudizzju kontra persuna minħabba karatteristika partikolari, pereżempju, l orjentazzjoni sesswali jew l identità sesswali tagħha.

"Omofobija' hija biża" irrazzjonali minn persuna minħabba li dik il persuna hija lesbjana, omosesswali jew bisesswali.

"Transfobija' hija biża" irrazzjonali minn persuna minħabba li tesprimi ruħha bħala li hija ta' sess differenti għal dak assenjat lilha fit twelid, permezz ta' eż. trattament tal ormoni, kirurġija, ilbies jew kosmetika.

Il-biża' u l-intimidazzjoni li jirriżultaw minn delitti ta' mibegħda u minn diskors ta' mibegħda jimpedixxu lil persuni lesbjani, omosesswali, bisesswali jew transgender (LGBT) milli jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà. L-estent tad-diskors ta' mibegħda u delitti ta' mibegħda lejn persuni LGBT fl-UE mhuwiex ċar minħabba li ħafna Stati Membri ma jiġbrux dejta fuq din il-kwistjoni. Madankollu, xi stħarriġ jissuġġerixxi li f'ċerti Stati Membri aktar minn 50% tal-persuni LGBT kienu vittmi ta' diskors ta' mibegħda jew ta' delitti ta' mibegħda. Fin-nuqqas ta' regola unika għall-UE, l-Istati Membri jadottaw approċċi differenti għal diskors ta' mibegħda u delitti ta' mibegħda.

Stħarriġ jindika li d diskors ta' mibegħda u d-delitti ta' mibegħda ħafna drabi ma jiġux irrapportati. Dan jista' jseħħ parzjalment minħabba li l vittmi jħossuhom skomdi li juru s sesswalita tagħhom lill awtorijtajiet tal infurzar tal liġi. Xi Stati Membri introduċew ir "rapport minn terzi persuni" li jippermetti li delitti jiġu rrappurtati f'post li ma tkunx l pulizija u lil nies li ma jkunux uffiċjali tal pulizija.

## Il-Kriminalizzazzjoni ta' Diskors ta' Mibegħda

**Fi tnax-il Stat Membru** (il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, Franza, l-Irlanda, il-Latvja, l-Olanda, il-Portugall, ir-Rumanija u l-Iżvezja) kif ukoll l-Irlanda ta' Fuq fir-Renju Unit, hija offiża kriminali li tinċita l-mibegħda, il-vjolenza jew id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali.

**F'erba' Stati Membri** (l-Awstrija, il-Bulgarija, l-Italja u Malta) id-diskors ta' mibegħda jiġi kriminalizzat meta jkun relatat ma' gruppi speċifiċi, iżda l-persuni LGBT mhumiex inklużi f'dawn il-gruppi. Dan jagħmilha diffiċili biex tiġi applikata l-leġiżlazzjoni għal każijiet ta' omofobija.

**Fl-Istati Membri l-oħra**, id-diskors ta' mibegħda kontra persuni LGBT mhuwiex ikklassifikat speċifikament bħala offiża kriminali, iżda l-liġi hija fformulata b'mod ġenerali u tista' tintuża biex tipproteġihom.

# Delitti ta' Mibegħda

Fil-preżent, l Istati Membri kollha jikkriminalizzaw attakki fiżiċi. F'ħafna Stati Membri, il piena għal dawn l offiżi tista' ssir ogħla meta dawn ikunu mmotivati minn preġudizzju kontra, pereżempju, razza jew reliġjon ta' persuna (magħrufa bħala "fattur aggravanti"). Madankollu, il liġi tal UE ma teħtieġx li l Istati Membri jinkludu l omofobija jew  it transfobija bħala "fattur aggravanti" għal offiżi kriminali.

**F'10 Stati Membri** (il-Belġju, id-Danimarka, Spanja, Franza, l-Olanda, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit). L-omofobija u t-transfobija huma fattur serju, minkejja li xi Stati Membri jillimitawha għal delitti speċifiċi.

**Fi 15-il Stat Membru:** (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, l-Irlanda, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Latvja, Malta, l-Awstrija, is-Slovenja u s-Slovakkja), l-omofobija u t-transfobija mhumiex definiti espliċitament bħala fattur aggravanti. Madankollu, f'sitta minn dawn (ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Latvja, Malta, l-Awstrija u s-Slovakkja), l-idea ġenerali ta' delitti ta' mibegħda hija rikonoxxuta bil-liġi, u għalhekk huwa possibbli li l-omofobija u t-transfobija jkunu jistgħu jitqiesu bħala fatturi serji.

DRITT GĦAL PROTEZZJONI UGWALI

Fit 28 ta' Novembru 2008, l UE adottat deċiżjoni ta' qafas relatata ma' diskors ta' mibegħda u ma' delitti ta' mibegħda mmotivati minn razziżmu u ksenofobija  (ĠU L 328/2008). L UE teħtieġ tikkunsidra li tadotta leġiżlazzjoni simili biex tkopri diskors ta' mibegħda omofobiku u transfobiku u delitti ta' mibegħda biex persuni LGBT jkunu jistgħu jkunu protetti fl Istati Membri kollha.

---

Dan il-flyer huwa bbażat fuq ir-rapport *L-Omofobija u d-Diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' Orjentazzjoni Sesswali u l-Identità Sesswali fl-Istati Membri tal-UE- Parti 1 Analiżi Legali* ppubblikat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) f'Ġunju 2008 u fuq ir-rapport *L-Omofobija u d-Diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' Orjentazzjoni Sesswali u l-Identità Sesswali fl-Istati Membri tal-UE - Parti 2 Is-Sitwazzjoni Soċjali* ppubblikat f'Marzu 2009.

Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq: http://fra.europa.eu
Il-pubblikazzjonijiet kollha tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali jistgħu jiġu ordnati bla ħlas mis-sit elettroniku tagħha.

Ċaħda:
Fil-każ ta' kwistjonijiet rigward din it-traduzzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta l-verżjoni bl-Ingliż, li hija l-verżjoni oriġinali u uffiċjali tad-dokument.

TK-83-08-107-MT-D